**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Sarah Cassar

vs

ISD Company Limited

CCT 171/23/MS

20 ta' Dicembru 2023

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentant fit-22 ta' Settembru 2023 fejn talbet ir-rifuzjoni ta' hames mitt euro (€500.00), depozitu mhallas minnha ghal sistema ta' batterija solari, liema sistema ma gietx konsenjata u dan wara li r-rikorrenti kkancellat l-ordni l-ghada li hallset id-depozitu.

Ra r-risposta tas-socjeta' intimata fejn eccepiet illi r-rikorrenti inghatat rigal li jiswa daqs in-nofs tad-depozitu talli hallset depozitu ta' hames mitt euro; inoltre, d-depozitu ta' hames mitt euro ntuza mill-kumpanija biex jibda l-process tal-applikazzjoni mar-REWS; ir-rikorrenti kienet infurmata b'dan kollu u anke kellha l-opportunita' li tara l-prodott espost u kellha spjegazzkoni twil ta aktar minn sittin minuta u ghaldaqstant il-klijenta kienet konxja x'kienet qieghda tixtri; illi l-klijenta giet offruta li tinghata lura €250.00 u tirritorna r-rigal fl-istess kundizzjoni li nghata lilha jew tinghata lura mitt euro u zzomm ir-rigal.

Ra l-atti kollha tal-kawza

Sema' x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fl-14 ta' Lulju 2023, ir-rikorrenti u l-familja taghha marru l-fiera ta' Montekristo. Ghaddew minn quddiem l-istand tal-International Sales Direct (ISD) fejn gew avvicinati mis-salesperson 'Noah' li beda jkellimha fuq il-panelli solari u stidienhom biex jidhlu fl-istand u joqghodu bilqieghda. Beda jispjegalhom fuq is-sistema tal-pannelli u giet ukoll is-sinjura Borg sabiex tohrogilhom stima. Spjegatilhom illi huma kellhom ihallsu

depozitu ta' hames mitt euro dak il-hin u kienet ser taghtihom rigal b'xejn. Il-kumplament (li jammonta ghal €10,000) kellhom jithallsu minnhom by instalments. Ir-rikorrenti tghid illi damet iktar minn siegha fuq l-istand u kienu saru 21.30pm. Tghid ukoll illi hassitha obbligata li tiffirma u hallset id-depozitu u l-ircevuta nharget fil-21.45pm. Tghid ukoll illi meta marret id-dar, hi u r-ragel iddiskutewha, u Hemmhekk indunaw illi bis-sitwazzjoni finanzjara taghhom ma kienux ser ilahhqu mal-pagamenti u l-ghada filghaxija regghu marru lura biex jikancellaw l-ordni.
Kellmu lil Rita Borg li min-naha taghha qaltilhom biex jistennew sat-Tlieta 18 ta' Lulju u jergghu jikkuntattjawha. Fil-fatt fit-18 ta' Lulju ir-rikorrenti cemplet lil ISD u tawha n-numru ta' Noah. Cemplitlu u nfurmatu li kienet ser tikancella l-ordni u qallha biex tmur fl-ufficini taghhom Hal-Qormi u ssaqsi ghal Rita jew Brooke. Ir-rikorrenti hadet ir-rigal maghha u marret Hal-Qormi u saqsiet ghal xi hadd minnhom. It-tnejn li huma kienu indisponibbli u giet salesgirl ohra tkellimha li kien jisimha Christabel, li tatha l-cancellation form. Ir-rikorrenti imlietha u Christabel qaltilha li ser tircievi minghandhom peress illi kienu ser jiddiskutuha mal-management u qaltilha biex thalli gimgha tghaddi. Ir-rikorrenti cemplet fl-24 ta' Lulju u giet infurmatha li l-kaz taghha ma kienx ghadu gie diskuss. Hemmhekk hi ddecidiet illi tiftah kaz mal-MCCAA.
Xahar wara, fit-22 ta' Awwissu irceviet email fejn talbuha tirritorna r-rigal u li kienu ser ituha €250.00 (nofs l-ammont li hallset) izda hi rrifjutat l-offerta. Ffit-28 ta' Awwissu 2023 ipproponew illi zzomm ir-rigal u jtuha mitt euro (€100.00) u hi ddecidiet illi tkompli bil-kawza odjerna.

Illi xehdet ukoll Sacha Sant, rapprezentant tas-socjeta' intimata illi kkonfermat ir-risposta taghha u qalet illi bhala sinjal ta' goodwill il-kumpanija kienet qed izzomm ferm mal-options miktubin hemmhekk. Spjegat li r-rikorrenti kienet marret il-fiera ta' MonteKristo fejn kien serviha rapprezentant minn tal-kumpanija li spjegalha s-sistema kif tahdem u ghamilha kwotazzjoni ghal sistema ta' batterija. Din il-laqgha damet iktar minn siegha u l-klijenta kienet sodisfatta bis-servizz u hemmhekk hallset depozitu ta' hames mitt euro u nghatat rigal li kien jiswa bejn €250.00 u €300.00. Wara, beda l-process ghall-applikazzjoni mar-REWS li giet iffirmata mis-Sinjura Cassar.

Ikkunsidra

Illi permezz ta' din il-kawza r-rikorrenti qieghda titlob li tinghata lura depozitu ta' hames mitt euro (€500.00) li hija hallset l-isocjeta' intimata, u dan wara li ddecidiet tikancella l-ordni ghal sistema ta' batterija solari. Illi min-naha taghha, filwaqt li s-socjeta' intimata rrifjutat illi tirrifondilha d-depozitu kollu, offriet li tirrifondilha nofs id-depozitu (€250.00) jew mitt euro (€100.00) u zzomm ir-rigal li hija nghatat, bhala sinjal ta' goodwill.

Illi mhemmx kontestazzjoni bejn il-partijiet fuq il-fatti tal-kaz u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux ghalfejn jara liema hija l-versjoni l-ktar kredibbli, ghaliex hemm qbil assolut fuq dak illi gara kemm qabel kif ukoll wara li l-kuntratt gie ffirmat .

Illi s-socjeta' intimata qieghda targumenta illi d-depozitu imhallas kien 'professional fee' u li parti minnu intuza biex jibda l-process tal-applikazzjoni mar-REWS. Bhala fatt, pero', ir-rikorrenti marret tikancella l-ordni l-ghada tal-iffirmar, jigifieri inqas minn erba u ghoxrin siegha wara li hija kienet iffirmat il-kuntratt, u allura t-Tribunal isibha difficli li jemmen illi l-applikazzjoni kienet giet pprocessata. Il-fatt illi sat-22 ta' Awwissu kienu ghadhom ma tawhiex risposta ma jistax jintuza kontra r-rikorrenti, illi damet diversi gimghat iccempel u tigri wara diversi nies.

Illi terga' u tghid, il-kuntratt ma giex iffirmat fil-hanut tal-kumpanija, ghaliex dak iz-zmien kienet qed topera minn stand li kien jinsab fil-fiera li kien qed isir f' Montekristo.
Illi kuntratt li ma jigix iffirmat fil-post fejn normalment jopera is-socjeta' intimata, jissejah 'off-premises contract'. Illi skond gurisprudenza fuq din il-materja, din hija deskritta bhala:

"a contract concluded with the simultaneous physical presence of the trader and the consumer, in a place which is not the business premises of the trader, for example at the consumer's home or workplace."

Illi l-istess gurisprudenza tghid li f'kuntest barra mill-post fejn is-socjeta' intimata solitament tinnegozja, il-konsumatur jista' jkun taħt pressjoni psikoloġika jew jista' jkun rinffaċċjat b'element ta' sorpriża, irrispettivament minn jekk il-konsumatur ikunx talab iż-żjara tan-negozjant jew le. Ma jistax ikun hemm dubju illi f'dan il-kaz, skond ix-xhieda tar-rikorrenti, li ma gietx kontradetta, ir-rikorrenti giet avvicinata minn rapprezentant tas-socjeta' intimata li stedinha biex jidhol fl-istand taghhom waqt fiera li kien qed isir f'Montekristo fejn jigu esebiti diversi servizzi u prodotti. Dawn il-fieri fis-sajf jibdew filghaxija u r-rikorrenti x'aktarx giet avvicinata fit-8.00pm jew anke wara, tant li d-depozitu thallas minnha fid-9.45pm. Ghalkemm huwa minnu illi r-rikorrenti ghazlet li thallas, it-Tribunal m'ghandux dubju illi kien hemm element ta' pressjoni mir-rapprezentanti tas-socjeta' intimata li dam siegha jispjega l-affarijiet u dan wara li kien hu stess li stieden r-rikorrenti biex tidhol fl-istand taghhom. Fil-fatt, din kienet l-esperjenza preciza tar-rikorrenti.

It-Tribunal jidhirlu illi hija sitwazzjoni ferm differenti meta persuna taghzel minn jeddha illi tidhol f'hanut u titlob informazzjoni dwar prodott jew servizz.
Illi dan huwa r-raguni ghaliex f'kuntratti bhal dawn (off-premises contracts) ir-rikorrenti ghandhom ikollhom id-dritt illi jirttiraw mill-kuntratt u ghandhom jinghataw din l-informazzjoni minn qabel ma jiffirmaw il-kuntratt. Ma jidhirx illi gara hekk f'dan il-kaz.

Illi fil-kaz DC v. HJ (C-97/22), il-Qorti tal-Gustijja tal-Unjoni Ewropeja (CJEU) ikkonfermat illi in-nuqqas min-naha ta' negozjant li jipprovdi lill-konsumaturi informazzjoni qabel il-kuntratt (pre-contractual information) dwar id-dritt li jirtiraw mill-kuntratt iwassal għall-eżenzjoni tal-konsumaturi minn kwalunkwe obbligu li jħallsu għat-twettiq ta' tali kuntratt meta jeżerċitaw id-dritt tagħhom ta' rtirar, anke meta s-servizzi jkunu diġà ngħataw.

Issa f'dan il-kaz, ma jistax ikun hemm dubju illi s-servizz ma kienx diga inghata u l-applikazzjoni ma kenitx ghadha giet processata. Is-socjeta' intimata qieghda targumenta illi parti mid-depozitu huwa fee professjonali li tintuza ghall-process ta' applikazzjoni izda ma gabet l-ebda prova ta' dan il-process, u dan ghaliex ma setax ikon hemm l-ebda processar tal-applikazzjoni, in vista tal-fatt illi r-rikorrenti marret lura biex tikancella l-ghada stess, inqas minn 24 siegha wara kienet hallset id-depozitu. Il-fatt illi r-rapprezentanti damu siegha biex jispjegawlha kif tahdem is-sistema m'ghandhiex tintuza bhala skuza biex ir-rikorrenti ma tinghatax lura l-prodott, ghaliex li kieku kien hekk, allura kull persuna li tidhol f'hanut biex tixtri u tinghata l-ghajnuna jew informazzjoni, jkollha bil-fors thallas ghall-ghajnuna li wara kollox huwa parti mix-xoghol ta' min ibiegh.

Illi ghalhekk, it-Tribunal jidhirlu, illi fic-cirkostanzi, r-rikorrenti kellha dritt illi tirtira mill-kuntratt u tiehu d-depozitu taghha lura fl-intier taghha, altrimenti dan ikun qed jikkrea sitwazzjoni ta' arrikament ingust bi pregudizzju tar-rikorrenti.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jordna l-isocjeta' intimata tirrifondilha s-somma ta' hames mitt euro (€500.00). Bi dritt tas-socjeta' intimata li tiehu lura ir-rigal fl-istess kundizzjoni li nghatat lir-rikorrenti, wara li jsir id-debitu hlas. Bl-ispejjes kontra l-istess socjeta' intimata.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru